IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.7.2016
COM(2016) 465 final

2016/0222 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni)**

MT MT

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Kuntest u raġunijiet għall-proposta**

L-UE qed taħdem għal politika ta' migrazzjoni tal-UE integrata, sostenibbli u olistika bbażata fuq is-solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responsabbiltajiet u li jistgħu jaħdmu b'mod effettiv kemm fi żminijiet ta' kalma kif ukoll waqt kriżi. Sa mill-adozzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni[1], il-Kummissjoni Ewropea ilha taħdem biex timplimenta miżuri biex tindirizza kemm l-isfidi immedjati kif ukoll dwak fit-tul biex timmaniġġja l-flussi ta' migrazzjoni b'mod effettiv u komprensiv.

Is-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil hija bbażata fuq ir-regoli li jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli għall-applikanti għal protezzjoni internazzjonali (inkluż bażi tad-dejta tal-marki tas-swaba' ta' persuni li jfittxu l-asil), l-istandards komuni għall-proċeduri tal-asil, il-kundizzjonijiet tal-akkoljenza, ir-rikonoxximent u l-protezzjoni tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali. Barra minn hekk, l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil jappoġġja lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil.

Minkejja l-progress sinifikanti li sar fl-iżvilupp tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, għad hemm differenzi notevoli bejn l-Istati Membri fit-tipi ta' proċeduri użati, il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza pprovduti lill-applikanti, ir-rati ta' rikonoxximent u t-tip ta' protezzjoni mogħtija lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali. Dawn id-diverġenzi jikkontribwixxu għal movimenti sekondarji u shopping għal asil, joħolqu fatturi ta' attrazzjoni, u fl-aħħar nett iwasslu għal distribuzzjoni mhux ekwa fost l-Istati Membri tar-responsabbiltà biex joffru protezzjoni lil dawk li jeħtiġuha.

Wasliet reċenti fuq skala kbira urew li l-Ewropa teħtieġ sistema tal-asil effettiva u effiċjenti li tkun kapaċi tassigura tqassim ġust u sostenibbli tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, tipprovdi kundizzjonijiet ta' akkoljenza suffiċjenti u diċenti madwar l-UE, tipproċessa talbiet għal asil malajr u b'mod effettiv ipproċessati fl-UE, u tiżgura l-kwalità tad-deċiżjonijiet li jittieħdu ħalli dawk li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali effettivament jiksbuha. Fl-istess ħin, jeħtieġ li l-UE tindirizza l-movimenti irregolari u perikolużi u ttemm il-mudell ta' negozjar tat-traffikanti. Għal dan il-għan l-applikazzjonijiet għal asil ta' dawk li mhumiex intitolati għal protezzjoni internazzjonali jridu, minn naħa, jiġu trattati malajr u dawn il-migranti iridu mbagħad jintbagħtu lura malajr. Min-naħa l-oħra, jeħtieġ li jinfetħu mezzi siguri u legali lejn l-UE għal dawk minn pajjiżi terzi li jeħtieġu protezzjoni. Din ukoll hija parti minn sħubija usa' b'pajjiżi prijoritarji ta' oriġini u ta' transitu.

Fis-6 ta' April 2016, il-Kummissjoni stabbiliet il-prijoritajiet tagħha għal riforma strutturali tal-qafas Ewropew dwar l-asil u l-migrazzjoni fil-Komunikazzjoni tagħha "Għar-riforma tas-

[1] COM(2015) 240 finali.

sistema Ewropea komuni tal-asil u għat-tisħiħ ta' rotot legali lejn l-Ewropa"[2], li tiddeskrivi l-passi differenti li għandhom jittieħdu għal politika Ewropea tal-asil aktar umana, ġusta u effiċjenti kif ukoll politika tal-migrazzjoni legali ġestita aħjar.

Fl-4 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni ppreżentat l-ewwel sett ta' proposti biex tirriforma s-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u laħqet riżultati fi tliet prijoritajiet identifikati fil-Komunikazzjoni tagħha: hija stabbiliet sistema ta' Dublin sostenibbli u ġusta biex tiddetermina l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjonijiet għall-asil[3], saħħet is-sistema Eurodac biex tagħmel monitoraġġ aħjar tal-movimenti sekondarji u tiffaċilita l-ġlieda kontra l-migrazzjoni rregolari[4] u stabbiliet Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil ġenwina biex tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-sistema Ewropea tal-asil[5].

Dawn il-proposti kienu l-ewwel elementi kostitwenti biex tiġi riformata l-istruttura tas-Sistema Ewropea Komuni għall-Asil.

Bit-tieni pakkett, il-Kummissjoni qed tlesti r-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil billi tadotta erba' proposti oħra: proposta li tissostitwixxi d-Direttiva dwar il-proċeduri tal-Asil b'Regolament[6] li jarmonizza l-arranġamenti proċedurali attwali li ma jaqblux flimkien fl-Istati Membri kollha u li joħloq proċedura komuni ġenwina; proposta li tissostitwixxi d-Direttiva tal-Ikkwalifikar[7] b'Regolament[8] li jistabbilixxi standards uniformi ta' protezzjoni internazzjonali kif ukoll proposta li tirrevedi d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza[9] li tkompli tarmonizza l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza fl-UE, iżżid il-prospetti ta' integrazzjoni tal-applikanti u tnaqqas il-movimenti sekondarji. Fl-aħħar nett, b'segwitu għall-impenn biex jittejbu r-rotot legali lejn l-UE kif imħabbar fis-6 ta' April 2016, il-Kummissjoni qed tipproponi wkoll qafas ta' risistemazzjoni tal-Unjoni strutturat fl-UE, li jiżgura mogħdijiet ordnati u siguri lejn l-UE għal persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali, bil-għan li progressivament jitnaqqsu l-inċentivi għal wasliet irregolari[10].

Dawn il-proposti huma parti indispensabbli mir-riforma komprensiva tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u huma interkonnessi mill-qrib. F'dan it-tieni stadju ta' proposti leġiżlattivi li jirriformaw l-acquis tal-asil, l-elementi kollha meħtieġa biex titpoġġa fis-seħħ Sistema Komuni Ewropea Komuni tal-Asil koerenti u integrata, abbażi ta' regoli komuni u armonizzati li huma kemm effettivi kif ukoll protettivi u f'konformità sħiħa mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra, issa qegħdin jiġu diskussi.

Is-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil li qegħdin inkomplu niżviluppaw hija kemm effettiva kif ukoll protettiva u hija mfassla biex tiżgura konverġenza sħiħa bejn is-sistemi nazzjonali tal-

---

2 COM(2016) 197 finali.
3 COM (2016) 270 finali.
4 COM(2016) 272 finali.
5 COM(2016) 271 finali.
6 ĠU L 180, 29.6.2013, p. 60.
7 ĠU L 337, 20.12.2011, p. 9.
8 ĠU C […], […], p. […].
9 ĠU C […], […], p. […].
10 ĠU C […], […], p. […].

asil, tnaqqas l-inċentivi għal movimenti sekondarji, issaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri u fl-aħħar mill-aħħar twassal għal sistema ta' Dublin li tiffunzjona sew.

Hija tiggarantixxi li dawk li jfittxu l-asil jiġu trattati b'mod ugwali u xieraq, ikunu fejn ikunu fl-UE. Hija tipprovdi l-għodod meħtieġa biex tiżgura identifikazzjoni malajr ta' persuni bi bżonn ġenwin ta' protezzjoni internazzjonali u tirritorna lil dawk li ma għandhomx bżonnijiet ta' protezzjoni. Hija ġeneruża ma' dawk l-aktar vulnerabbli u stretta meta jkun hemm abbuż potenzjali, filwaqt li dejjem tirrispetta d-drittijiet fundamentali. Fl-aħħar nett, is-sistema komuni hija kosteffettiva u flessibbli biżżejjed biex tadatta għall-isfidi kumplessi li l-Istati Membri għandhom f'dan il-qasam.

**Għanijiet tal-proposta preżenti**

Bħala parti mit-tieni sett ta' riformi ta' politika dwar l-asil, il-Kummissjoni qed tipproponi riformulazzjoni tad-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta’ applikanti għall-protezzjoni internazzjonali[11].

Id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza tipprovdi armonizzazzjoni minima ta' standards għall-akkoljenza ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali fl-UE. Madankollu, il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza jkomplu jvarjaw b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri kemm f'termini ta' kif inhi organizzata s-sistema ta' akkoljenza kif ukoll f'termini tal-istandards ipprovduti lill-applikanti.

Il-kriżi migratorja kixfet il-ħtieġa li tiġi żgurata aktar konsistenza fil-kundizzjoniiet ta' akkoljenza madwar l-UE u l-ħtieġa li l-Istati Membri jitħejjew aħjar biex jittrattaw l-għadd sproporzjonat ta' migranti. Hemm diverġenzi usa' fil-livell ta' kundizzjonijiet ta' akkoljenza pprovduti mill-Istati Membri. F'xi Stati Membri, hemm problemi persistenti biex tiġi żgurata l-aderenza mal-istandards ta' akkoljenza meħtieġa għal trattament dinjituż tal-applikanti, filwaqt li f'oħrajn l-istandards provduti huma aktar ġenerużi. Dan ikkontribwixxa għal movimenti sekondarji u poġġa pressjoni fuq ċerti Stati Membri b'mod partikulari.

Fid-dawl ta' dan, din il-proposta għandha l-għan li:

(1) **Tkompli tarmonizza l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza fl-UE.** Din tiżgura li t-trattament tal-applikanti jkun dinjituż madwar l-UE, skont id-drittijiet fundamentali u d-drittijiet tat-tfal, inkluż fl-Istati Membri fejn kien hemm problemi persistenti biex jiġi żgurat dan it-trattament dinjituż, u jitnaqqsu l-inċentivi relatati mal-akkoljenza biex l-applikanti jiċċaqalqu b'mod irregolari lejn l-UE u ġo fiha, b'mod partikulari lejn l-Istati Membri fejn il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza huma ġeneralment ta' livell għoli. Tikkontribwixxi wkoll għal tqassim aktar ġust tal-applikanti bejn l-Istati Membri. Dan isseħħ b'mod partikulari billi l-Istati Membri jintalbu jqisu l-istandards operazzjonali u l-indikaturi dwar il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza żviluppati fil-livell

[11] ĠU L 180, 29.6.2013, p. 96.

tal-UE u billi l-Istati Membri jintalbu jkollhom pjanijiet ta' kontinġenza lesti biex jiżguraw l-akkoljenza xierqa tal-applikanti f'każijiet fejn ikunu kkonfrontati b'għadd sproporzjonat ta' applikanti.

(2) **Tnaqqas l-inċentivi għal movimenti sekondarji.** Sabiex tiżgura ġestjoni ta' flussi migratorji, din tiffaċilita d-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli u sabiex tipprevjeni l-movimenti sekondarji, jeħtieġ li l-applikanti jibqgħu fl-Istat Membru li jkun responsabbli għalihom u ma jaħarbux. Dan l-obbligu fuq l-applikanti huwa stabbilit fir-riforma proposta tar-Regolament ta' Dublin. L-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet aktar immirati għal-libertà ta' moviment tal-applikanti u l-konsegwenzi stretti meta ma jkunx hemm konformità ma' dawn ir-restrizzjonijiet jikkontribwixxu għal monitoraġġ aktar effettiv ta' fejn ikunu jinsabu l-applikanti. Jeħtieġ ukoll li jkun hemm armonizzazzjoni ulterjuri tal-possibbiltajiet li jiġi assenjat post ta' residenza speċifiku lill-applikanti, li jiġu imposti obbligi ta' rappurtar u li jiġu pprovduti kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali *in natura* biss biex tinħoloq sitwazzjoni aktar prevedibbli għall-applikanti, biex jiġi żgurat li jiġu lokalizzati irrispettivament minn liema Stat Membru jkunu preżenti fih u biex jiġi evitat li dawn jaħarbu. Dan japplika b'mod partikulari fi tliet sitwazzjonijiet, jiġifieri meta: l-applikant ma jkunx applika għal protezzjoni internazzjonali fl-Istat Membru tal-ewwel daħla rregolari jew daħla legali; l-applikant ikun ħarab mill-Istat Membru li fih ikun meħtieġ li jkun preżenti, u l-applikant jintbagħat lura lejn l-Istat Membru fejn ikun meħtieġ li jkun preżenti wara li jkun ħarab lejn Stat Membri ieħor.

(3) **Iżżid l-awtodipendenza u l-prospetti possibbli ta' integrazzjoni tal-applikanti.** Ħlief għal dawk li l-applikazzjonijiet tagħhom aktarx ma jintlaqgħux, l-applikanti għandhom, malajr kemm jista' jkun, jitħallew jaħdmu u jaqilgħu flus għalihom, anke waqt li l-applikazzjonijiet tagħhom ikunu qed jiġu pproċessati. Dan jgħin sabiex titnaqqas id-dipendenza tagħhom u jippermetti prospetti aħjar għal integrazzjoni eventwali għal dawk li fl-aħħar mill-aħħar jingħataw protezzjoni. Għaldaqstant, dan il-limitu ta' żmien għall-aċċess għas-suq tax-xogħol għandu jitnaqqas minn mhux aktar tard minn disa' xhur għal mhux aktar tard minn sitt xhur minn meta tiġi ppreżentata l-applikazjoni. Dan jallinja l-aċċess tal-applikanti għas-suq tax-xogħol mat-tul tal-proċedura tal-eżami fuq il-merti. L-Istati Membri huma mħeġġa jagħtu wkoll aċċess għas-suq tax-xogħol mhux aktar tard minn tliet xhur minn meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni meta l-applikazzjoni aktarx tkun iġġustifikata sew. L-aċċess għas-suq tax-xogħol għandu jkun f'konformità sħiħa mal-istandards tas-suq tax-xogħol, u dan għandu jgħin ukoll biex jiġu evitati distorsjonijiet fis-suq tax-xogħol. Jeħtieġ ukoll li d-diskrepanzi wiesgħa attwali fir-regoli tal-Istati Membri dwar l-aċċess għas-suq tax-xogħol jiġu limitati sabiex jitnaqqas is-shopping għal asil relatat max-xogħol u l-inċentivi għal movimenti sekondarji.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta’ politika**

Din il-proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza hija konsistenti bis-sħiħ mal-ewwel proposti biex tiġi riformata s-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil ippreżentata fl-4 ta' Mejju 2016, u mal-proposti għal riforma fid-Direttivi dwar il-Proċeduri u l-Kwalifika għall-Asil, li jinkludu t-trasformazzjoni tagħhom f'Regolamenti, kif ukoll mal-proposta għal qafas strutturat ta' risistemazzjoni fl-Unjoni.

Skont il-proposta tal-Kummissjoni għal riformulazzjoni tar-Regolament ta' Dublin III, meta applikant ma jkunx fl-Istat Membru fejn ikun meħtieġ ikun preżenti, l-applikant ma għandux ikun intitolat għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali sħaħ previsti skont din id-Direttiva. B'dan il-mod, il-proposta ta' Dublin għandha impatt fuq l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza u t-tibdil korrispondenti f'din id-Direttiva huwa meħtieġ u ġie propost.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal riformulazzjoni tar-Regolament ta' Dublin III tirreferi wkoll għall-fatt li l-applikanti kollha, irrispettivament minn fejn ikunu preżenti, għandhom id-dritt għal kura tas-saħħa f'emerġenza. Fil-prattika, l-Istati Membri tipikament iqisu li t-trattament essenzjali ta' mard, inkluż ta' diżordnijiet mentali serji mogħtija skont id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza, jikkorrispondi għall-kunċett ta' "kura tas-saħħa f'emerġenza". Fid-dawl ta' dan, din il-proposta hija konsistenti bis-sħiħ mal-proposta tal-Kummissjoni għal riformulazzjoni tar-Regolament ta' Dublin III.

Abbażi tax-xogħol li diġà nbeda mill-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil se tagħmel monitoraġġ u valutazzjoni tas-sistemi ta' asil u ta' akkoljenza tal-Istati Membri.

Il-proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza tiżgura li l-applikanti għal asil ikunu disponibbli matul il-proċedura tal-asil biex tiżgura valutazzjoni f'waqtha u effettiva tat-talb tagħhom u għaldaqstant tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni effettiva tar-Regolamenti dwar il-Proċeduri u l-Kwalifika għall-Asil.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija konsistenti mal-linji ta’ politika komprensiva għal medda twila ta’ żmien dwar ġestjoni aħjar tal-migrazzjoni kif stipulati mill-Kummissjoni fl-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni[12], li żviluppat il-linji gwida politiċi tal-President Juncker f’ġabra ta’ inizjattivi koerenti u li jsaħħu lil xulxin ibbażati fuq erba’ pilastri. Dawk il-pilastri jikkonsistu fi tnaqqis fl-inċentivi għall-migrazzjoni irregolari, u jassiguraw il-fruntieri esterni tal-Unjoni u jsalvaw il-ħajjiet, kif ukoll jassiguraw politika tal-asil b'saħħitha u politika ġdida dwar il-migrazzjoni legali.

Din il-proposta, li tkompli timplimenta l-Aġenda Ewropea għall-Migrazzjoni rigward l-għan tat-tisħiħ tal-politika tal-asil tal-Unjoni, għandha tidher bħala parti mill-politika usa' fil-livell tal-UE lejn il-bini ta' sistema robusta u effettiva għal ġestjoni tal-migrazzjoni sostenibbli għall-futur li tkun ġusta għas-soċjetajiet ospitanti u għaċ-ċittadini tal-UE kif ukoll għaċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi kkonċernati u l-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu.

[12] COM(2015) 240 finali.

## BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Din il-proposta tirriformula d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza u għaldaqstant għandha tiġi adottata fuq l-istess bażi ġuridika, jiġifieri l-Artikolu 78, it-tieni paragrafu, il-punt (f) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

- **Ġeometrija varjabbli**

Skont il-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward taż-Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-TFUE, ir-Renju Unit u l-Irlanda nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' miżuri li jistabbilixxu Sistema Ewropea Komuni tal-Asil.

F'dan ir-rigward, ir-Renju Unit ħa nota tax-xewqa tiegħu li jieħu parti fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/9/KE u tad-deċiżjoni tiegħu li ma jipparteċipax fl-adozzjoni tad-Direttiva 2013/33/UE. L-Irlanda ddeċidiet li ma tipparteċipax la fl-adozzjoni tad-Direttiva 2003/9/KE u lanqas fl-adozzjoni tad-Direttiva 2013/33/UE. Konsegwentament, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/9/KE japplikaw għar-Renju Unit, filwaqt li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva attwali la japplikaw għar-Renju Unit u lanqas għall-Irlanda.

Il-pożizzjonijiet tar-Renju Unit u tal-Irlanda rigward id-Direttivi preċedenti ma jaffettwawx il-parteċipazzjoni possibbli tagħhom fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni tad-Direttiva l-ġdida. Il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda se tiġi ddeterminata matul in-negozjati u skont il-Protokoll Nru 21, imsemmi hawn fuq.
Skont il-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Direttiva 2003/9/KE u d-Direttiva 2013/33/UE mhumiex vinkolanti fuq id-Danimarka u d-Danimarka mhijiex soġġetta għall-applikazzjoni tagħhom.

- **Sussidjarjetà**

Minkejja s-suċċess tal-livell ta' armonizzazzjoni importanti bl-adozzjoni tad-Direttivi 2003/9/KE u 2013/33/UE, il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza għadhom ivarjaw konsiderevolment bejn l-Istati Membri. Differenzi kbar fil-kundizzjonijiet ta' akkoljenza bejn l-Istati Membri u nuqqas ta' standards operazzjonali għal trattament dinjituż tal-applikanti jikkontribwixxu għal shopping għal asil u movimenti sekondarji tal-applikanti fl-UE u jpoġġu pressjoni fuq ċerti Stati Membri b'mod partikulari. Standards ta' akkoljenza aktar ekwi stabbiliti f'livell xieraq fost l-Istati Membri kollha se jikkontribwixxu għal trattament aktar dinjituż u distribuzzjoni aktar ġusta tal-applikanti madwar l-UE. Għaldaqstant, jeħtieġ li jkun hemm azzjoni ulterjuri tal-UE li tiżgura livell suffiċjenti ta' armonizzazzjoni li jissodisfa l-objettivi dikkjarati.

- **Proporzjonalità**

Il-bidliet proposti għad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza huma limitati u mmirati biex jindirizzaw l-objettivi li jiżguraw li t-trattament tal-applikanti jkun dinjituż madwar l-UE, skont id-drittijiet fundamentali u d-drittijiet tat-tfal, u li jnaqqsu l-inċentivi ta' akkoljenza u dawk relatati mal-integrazzjoni għall-migranti li jiċċaqalqu b'mod irregolari lejn l-UE u fiha, filwaqt li jqisu d-differenzi sinifikanti fil-kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi tal-Istati Membri.

Il-bidliet fid-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza huma proposti f'oqsma fejn armonizzazzjoni ulterjuri jkollha impatti sinifikanti, bħal fil-każ ta' dispożizzjonijiet li jittrattaw l-istandards ta' akkoljenza materjali, miżuri li jiżguraw li l-applikanti jibqgħu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti u ma jaħarbux kif ukoll id-drittijiet u l-obbligi relevanti għall-integrazzjoni effettiva tal-applikanti fis-soċjetajiet ospitanti tal-Istati Membri.

Il-proposta tiċċara li, fil-każijiet kollha fejn l-Istati Membri jiddeċiedu li jirrestrinġu l-libertà tal-moviment ta' applikant, ipoġġuh f'detenzjoni jew jitolbu lill-applikant ikopri jew jikkontribwixxi għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali, jeħtieġ li l-Istat Membru jqis is-sitwazzjoni partikulari tal-persuna kkonċernata, inkluż kull bżonn ta' akkoljenza speċjali, u l-prinċipju ta' proporzjonalità.

- **Għażla tal-istrument**

Ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza flimkien ma' mandat estiż għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil li tippromwovi implimentazzjoni uniformi tal-istandards ta' akkoljenza fil-prattika titqies suffiċjenti sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' armonizzazzjoni ulterjuri tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza tal-Istati Membri u l-prospetti ta' integrazzjoni tal-applikanti u ta' tnaqqis ta' inċentivi relatati mal-akkoljenza għall-migranti biex jiċċaqalqu b'mod irregolari lejn l-UE u fiha. Rigward id-differenzi sinifikanti fil-kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi tal-Istati Membri, ma jitqiesx fattibbli jew mixtieq li l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza tal-Istati Membri jiġu armonizzati bis-sħiħ.

## RIŻULTATI TA' KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U ĠBIR TAL-KOMPETENZA

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Bil-Komunikazzjoni tagħha tas-6 ta' April 2016, għar-riforma tas-Sistema Ewropea komuni tal-Asil u għat-tisħiħ ta' rotot legali lejn l-Ewropa, il-Kummissjoni nediet dibattitu mifrux. Sa mill-adozzjoni tagħha, kien hemm skambji ta' fehmiet dwar l-inizjattivi proposti fil-Komunikazzjoni kemm fil-Parlament Ewropew (fil-Kumitat LIBE fil-21 ta' April 2016) u fil-Kunsill. Il-Komunikazzjoni kienet ukoll is-suġġett ta' diskussjonijiet estensivi fost is-sħab soċjali, NGOs speċjalizzati, organizzazzjonijiet intergovernattivi u partijiet oħra kkonċernati.

F'Mejju 2016, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Istati Membri u lil partijiet interessati oħrajn (inklużi NGOs u organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-UNHCR) dwar l-ideat prinċipali tagħha għar-riforma kif stabbilita fid-dokument ta' diskussjoni. F'Ġunju 2016, il-Kummissjoni kellha wkoll skambju informali ta' fehmiet mal-Parlament Ewropew. Il-partijiet kollha kkonsultati kellhom opportunità jipprovdu kummenti bil-miktub. L-eżitu finali tal-konsultazzjoni mmirata mal-partijiet ikkonċernati tista' tingabar fil-qosor kif ġej:

– **Tkompli tarmonizza l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza fl-UE:** Ħafna mill-Istati Membri kienu favur armonizzazzjoni ulterjuri tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza fl-UE. Madankollu, fost il-partijiet l-oħra kkonsultati, xi partijiet ikkonċernati, inklużi xi rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, kienu attenti li armonizzazzjoni ulterjuri tista' twassal għal tnaqqis mhux mixtieq tal-istandards ta' akkoljenza u saħqu fuq il-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali u l-obbligi internazzjonali. Il-partijiet ikkonċernati kollha qablu li l-Istati Membri jeħtieġu li jitħallew jagħtu kundizzjonijiet aktar favorevoli lill-applikanti minn dawk ipprovduti skont id-Direttivi dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza. Sfida partikulari li ġiet identifikata kienet l-ambigwità ta' xi tfisser "standards tal-għajxien dinjitużi" fid-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza. F'dan ir-rigward, l-istandards operazzjonali u l-indikaturi dwar il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza fl-UE, li l-EASO bdiet tiżviluppa fl-inizjattiva tal-Kummissjoni, kienu appoġġjati b'mod mifrux, flimkien mal-ħtieġa li jsir aktar monitoraġġ, infurzar u ppjanar ta' kontinġenza.

– **Tnaqqis tal-inċentivi relatati mal-akkoljenza għal movimenti sekondarji:** L-Istati Membri kienu ġeneralment pożittivi rigward l-idea ta' approċċ aktar armonizzat għall-miżuri, bħar-restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' moviment tal-applikanti, għall-iżgurar li l-applikanti jibqgħu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet u ma jaħarbux. Filwaqt li għadd ta' Stati Membri qablu li d-dispożizzjoni ta' kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali għandu jkollha bħal kundizzjoni s-soġġorn fl-Istat Membru meta l-applikant ikun meħtieġ ikun preżenti, l-Istati Membri kienu aktar maqsumin fuq jekk il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali għandhomx jiġu pprovduti f'xi ċirkustanzi *in natura* biss. Partijiet ikkonċernati oħra, inkluż xi rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, kellhom tħassib dwar l-utilità ta' dawn il-miżuri u qiesu li l-inċentivi għall-applikanti biex jibqgħu jkunu mod aktar effettiv biex jiġi żgurat l-istess objettiv (ir-riunifikazzjoni tal-familja, l-aċċess għas-suq tax-xogħol, eċċ.)

– **Żieda fil-prospetti tal-integrazzjoni tal-applikanti:** Ħafna mill-partijiet ikkonċernati, inklużi l-Istati Membri u r-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, qablu li jkun utli li jerġgħu jirrevedu d-dispożizzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza rigward il-kundizzjonijiet ta' aċċess tal-applikanti għas-suq tax-xogħol bħala mezz biex jiżdiedu l-prospetti ta' integrazzjoni għall-applikanti. Xi Stati Membri kellhom esperjenza pożittiva reċenti bit-tnaqqis tal-limiti ta' żmien għall-aċċess għas-suq tax-xogħol. Skont diversi partijiet ikkonċernati, l-armonizzazzjoni u t-tnaqqis tal-limiti ta' żmien għall-aċċess għas-suq tax-xogħol huma importanti iżda l-effetti ma għandhomx jiġu stmati żżejjed billi hemm ostakli oħrajn għall-aċċess effettiv li huma sinifikanti (inkluż ir-rikonoxximent tal-kwalifiki, b'mod partikulari għall-applikanti li ma jkollhomx dokumenti).

– **Il-parametru referenzjarju tal-UE li jiddetermina l-livell tal-appoġġ finanzjarju pprovdut lill-applikanti:** Ħafna mill-partijiet ikkonċernati ma kinux ċerti dwar l-introduzzjoni ta' parametru referenzjarju komuni tal-UE li jiddetermina l-livell tal-appoġġ finanzjarju pprovdut lill-applikant. Madankollu, din il-possibbiltà ġiet ivvalutata fil-fond. Ġie konkluż li mhuwiex possibbli li jiġi introdott parametru referenzjarju komuni, prinċiparjament għaliex (a) ħafna mill-Istati Membri ma jipprovdux kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali permezz ta' appoġġ finanzjarju biss billi jippreferu jipprovdu kundizzjonijiet ta' akkoljenza *in natura* jew permezz ta' taħlita ta' appoġġ finanzjarju u benefiċċji *in natura*, u (b) l-appoġġ finanzjarju attwalment ipprovdut lill-applikanti f'ħafna mill-każijiet huwa ħafna aktar baxx mill-parametri referenzjarji jew il-limiti eżaminati (il-limitu tar-riskju tal-faqar, il-limitu tal-persuni f'deprivazzjoni materjali estrema, u l-limitu tal-introjtu minimu). Għaldaqstant, l-armonizzazzjoni tal-livelli ta' appoġġ jinvolvu żieda fil-livell ta' appoġġ f'ħafna mill-Istati Membri, f'ċerti każijiet b'mod sinfikanti, b'mod partikulari f'dawk l-Istati Membri b'livell diġà għoli ta' appoġġ meta mqabblin ma' Stati Membri oħrajn, u f'xi każijiet tista' tirriżulta fi trattament aktar favorevoli għall-applikanti milli għaċ-ċittadini tal-Istati Membri li jiffaċċjaw nuqqas minn kollox jew li huma ekonomikament żvantaġġati.

- **Ġbir u użu tal-kompetenzi**

L-EASO ngħata l-inkarigu li jiżviluppa l-istandards operazzjonali u l-indikaturi dwar il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza. Ġie propost li l-Istati Membri għandhom iqisu dawn l-istandards operazzjonali u l-indikaturi meta jpoġġu fis-seħħ mekkaniżmi relevanti biex jiżguraw gwida, monitoraġġ u kontroll xierqa ta' kundizzjonijiet ta' akkoljenza tagħhom. Għall-finijiet tal-iżvilupp tal-istandards operazzjonali u l-indikaturi, fir-rebbiegħa tal-2016 l-EASO wettaq eżerċizzju ta' mmappjar tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza, fejn l-Istati Membri pprovdew informazzjoni dettaljata dwar l-approċċ tagħhom għad-dispożizzjoni tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza. Ir-rapport li rriżulta, li kien hemm 26 Stat Membru u Stati Assoċjati li pprovdew input fih[13], għen fl-iżvilupp ta' din il-proposta. Ir-riżultati relevanti tar-rapport jistgħu jitqassru kif ġej:

– **Armonizzazzjoni ulterjuri tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza fl-UE:** Id-definizzjoni ta' kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali tvarja konsiderevolment fl-

[13] Il-Belġju, il-Bulgarija, l-Iżvizzera, ir-Repubblika Ċeka, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, in-Norveġja, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Iżvezja.

Istati Membri, minn definizzjoni pjuttost limitata f'ċerti Stati Membri għal definizzjonijiet li jmorru lil hinn sew mid-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza f'oħrajn, inklużi l-oġġetti sanitarji. Il-maġġoranza tal-Istati Membri jipprovdu taħlita ta' forom differenti ta' kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali, bħal kemm *in natura* kif ukoll fil-forma ta' benefiċċji finanzjarji jew vawċers. F'ċerti Stati Membri, il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali huma pprovduti *in natura*. Il-modalitajiet għad-dispożizzjoni ta' kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali jvarjaw skont x'ikun ipprovdut (akkomodazzjoni, ikel, ħwejjeġ, eċċ.) jew lil min (applikanti bi bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali u l-istadju tal-proċedura tal-asil).

– **Tnaqqis tal-inċentivi relatati mal-akkoljenza għal movimenti sekondarji:** Il-maġġoranza tal-Istati Membri ma jirrestrinġux il-movimenti tal-applikanti għal żoni assenjati iżda jippermettulhom li jiċċaqalqu liberament fit-territorju tagħhom. Madankollu, għadd ta' Stati Membri jassenjaw post ta' residenza partikulari lill-applikanti, tipikament sabiex jorganizzaw is-sistema ta' akkoljenza tagħhom. Normalment huma jqisu l-popolazzjoni, is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, il-kapaċità taċ-ċentri ta' akkoljenza jew il-ħtiġijiet tal-applikanti individwali. Ħafna mill-Istati Membri jagħmlu l-għoti tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali soġġetta għar-residenza tal-applikanti f'post speċifiku, normalment billi jillimitaw id-dispożizzjoni tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali għaċ-ċentri ta' akkoljenza. Ta' spiss ukoll, l-Istati Membri jużaw obbligi ta' rappurtar biex jagħmlu monitoraġġ ta' fejn ikunu jinsabu l-applikanti. Dawn l-obbligi ta' rappurtar jintużaw kemm meta l-applikanti jkunu joqogħdu f'ċentru ta' akkoljenza magħżul kif ukoll meta jkollhom akkomodazzjoni privata. Il-prattiki u r-raġunijiet għat-tnaqqis jew l-irtirar tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali wkoll ivarjaw konsiderevolment bejn l-Istati Membri. Waħda mill-aktar raġunijiet komuni biex jitnaqqsu jew jiġu rtirati l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza hija li l-applikant ikun abbanduna l-post ta' residenza tiegħu.

– **Żieda fil-prospetti tal-integrazzjoni tal-applikanti:** Kważi l-Istati Membri kollha jagħtu aċċess lill-applikanti għas-suq tax-xogħol matul il-proċedura tal-asil. Madankollu, il-perjodu ta' żmien li warajh jingħata l-aċċess għax-xogħol ivarja konsiderevolment minn Stat membru għal ieħor (minn żmien ta' xahar f'ċerti Stati Membri għal wara disa' xhur f'oħrajn). Il-maġġoranza tal-Istati Membri ma japplikaw l-ebda restrizzjoni speċifika rigward l-aċċess tal-applikanti għas-suq tax-xogħol. Ftit Stati Membri biss japplikaw test tas-suq tax-xogħol.

Barra minn hekk, sa mill-adozzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza fl-2013, il-Kummissjoni organizzat sensiela ta' laqgħat mal-Kumitat ta' Kuntatt biex tiddiskuti mal-esperti tal-Istati Membri l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom rigward it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva. Il-konklużjonijiet li waslu għalihom matul il-Kumitati ta' Kuntatt ukoll għenu fil-proposta attwali.

• **Drittijiet**

Din il-proposta kienet soġġetta għal skrutinju profond sabiex ikun żgurat li d-dispożizzjonijiet tagħha jkunu f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali u mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, kif inhu pprovdut fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-obbligi li joħorġu mid-dritt internazzjonali.

Il-bidliet proposti għad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza jenfasizzaw l-obbligu li l-Istati Membri li jqisu l-istandards operazzjonali u l-indikaturi għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza fil-livell tal-UE meta jsir monitoraġġ u kontroll tas-sistema ta' akkoljenza tagħhom. Il-proposta tispjega wkoll li, fiċ-ċirkustanzi kollha, l-applikanti jkunu intitolati għal kura tas-saħħa skont id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza u għal standard tal-għajxien dinjituż.

Il-proposta tiżgura li l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza jiġu adattati għas-sitwazzjoni speċifika tal-minorenni, kemm jekk mhux akkumpanjati kif ukoll jekk fil-familji, b'attenzjoni speċjali għas-sigurtà tagħhom u għall-kura fiżika u emozzjonali tagħhom u pprovduta b'mod li tħeġġeġ l-iżvilupp ġenerali tagħhom. Il-proposta tqis ukoll l-obbligi tal-Istati Membri skont il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul)[14].

Il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni jissaħħaħ billi l-Istati Membri jiġu obbligati jittrattaw lill-applikanti li jkunu ngħataw aċċess għas-suq tax-xogħol bl-istess mod bħaċ-ċittadini tagħhom rigward il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-libertà ta' assoċjazzjoni u affiljazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali u s-sigurtà soċjali.

Il-proposta tenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri, meta jivvalutaw ir-riżorsi ta' applikant, meta jitolbu li applikant ikopri jew jikkontribwixxi għall-ispiża tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali jew meta jitolbu lil applikant għal rimborż, josservaw il-prinċipju ta' proporzjonalità, iqisu l-imġiba individwali u ċ-ċirkustanzi partikulari tal-applikant u l-ħtieġa li tiġi rispettata d-dinjità jew l-integrità personali tiegħu, inklużi l-bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali tal-applikant.

Id-deċiżjonijiet kollha li jirrestrinġu l-libertà ta' moviment tal-applikant jeħtieġ li jittieħdu b'mod oġġettiv u imparzjali, abbażi tal-imġiba individwali u ċ-ċirkustanzi partikulari tal-persuna kkonċernata, b'attenzjoni speċjali għall-prinċipju ta' proporzjonalità. L-applikant irid ikun infurmat immedjatament bil-miktub, f'lingwa li huwa jifhem jew li huwa raġonevolment maħsub li jifhem, bl-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, bir-raġunijiet għad-deċiżjoni, u bil-proċeduri biex jikkontestaw din id-deċiżjoni.

Id-detenzjoni skont id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza tkompli tkun iġġustifikata biss meta jkun ippruvat li din tkun meħtieġa u abbażi tal-valutazzjoni individwali ta' kull każ u jekk ma jkunux jistgħu jiġu applikati miżuri alternattivi oħrajn anqas koerċittivi b'mod effettiv. Il-garanziji kollha diġà pprovduti fid-Direttiva attwali rigward id-detenzjoni jibqgħu mhux mibdula. Trid tingħata attenzjoni speċjali biex jiġi żgurat li t-tul ta' kwalunkwe detenzjoni jkun proporzjonali u li d-detenzjoni tkun terminata hekk kif ir-raġuni applikabbli għad-detenzjoni skont id-Direttiva ma tkunx għadha preżenti. Il-proposta hija wkoll

[14] Sabiex jingħata livell ta' protezzjoni xieraq għan-nisa li jkunu ġew soġġetti għal vjolenza abbażi tas-sess tagħhom u fid-dawl tal-proposti tal-Kummissjoni għal deċiżjonijiet tal-Kunsill għall-iffirmar u għall-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, għandu jiġi adottat approċċ sensittiv għad-differenzi bejn is-sessi meta tiġi interpretata u applikata din id-Direttiva.

kompatibbli bis-sħiħ mal-Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, moqri fid-dawl tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-ġurisprudenza relevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. B'applikazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, bħala regola, l-minorenni ma għandhomx jiġu detenuti.

**IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Din il-proposta ma timponi l-ebda piż finanzjarju jew amministrattiv fuq l-Unjoni. Għalhekk ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

**ELEMENTI OĦRA**

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Il-Kummissjoni għandha tirraporta dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ u kull ħames snin wara dan u tipproponi kull emenda li tkun meħtieġa. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa biex tissodisfa l-obbligu ta' rappurtar tagħha.

Skont il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil, l-Aġenzija se tagħmel ukoll monitoraġġ u valutazzjoni tas-sistemi ta' asil u akkoljenza tal-Istati Membri.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-ispjegazzjonijiet huma pprovduti biss għad-dispożizzjonijiet li jinbidlu b'din il-proposta.

1. Armonizzazzjoni ulterjuri tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza fl-UE

– **Ambitu:** Bħala regola ġenerali, id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza tkompli tapplika għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiż terz u persuni apolidi li jagħmlu applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fit-territorju ta' kwalunkwe Stat Membru, sakemm jitħallew jibqgħu fit-territorju bħala applikanti hekk kif issir l-applikazzjoni.

  Ġiet introdotta eċċezzjoni għall-każijiet fejn applikant ikun preżenti b'mod irregolari fi Stat Membru ieħor għajr dak li fih ikun meħtieġ ikun preżenti. F'din is-sitwazzjoni, huwa mhuwiex intitolat għal kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali, tagħlim u edukazzjoni ta' minorenni kif ukoll xogħol u taħriġ vokazzjonali. Il-proposta tispjega li, madankollu, l-applikanti dejjem se jkunu intitolati għal kura tas-saħħa u għal **standard tal-għajxien dinjituż**, skont id-drittijiet fundamentali, biex jiġu koperti s-sussistenza u l-ħtiġijiet bażiċi tal-applikant kemm f'termini tas-sikurezza fiżika, id-dinjità u r-relazzjonijiet interpersonali (l-Artikolu 17a). Madankollu, sabiex jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet fundamentali tat-tfal, l-Istati Membri għandhom

jipprovdu lill-minorenni b'aċċess għal attivitajiet edukattivi xierqa sakemm jiġu trasferiti lejn l-Istat Membru responsabbli.

– Il-proposta tagħmilha ċara li d-dritt għal trattament dinjituż japplika wkoll f'każijiet fejn Stat Membru, f'każijiet debitament iġġustifikati, **eċċezzjonalment japplika standards differenti** ta' kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali minn dak li huwa meħtieġ mid-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza. Il-proposta titlob ukoll li l-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil meta jduru għal dawn il-miżuri eċċezzjonali u meta dawn il-miżuri ma jibqgħux jeżistu (l-Artikolu 17(9)).

– **Id-definizzjoni ta' membri tal-familja** hija estiża biex tinkludi relazzjonijiet familjari li kienu ffurmati wara li jkunu telqu mill-pajjiż ta' oriġini iżda qabel ma jkunu waslu fit-territorju tal-Istat Membru (l-Artikolu 2(3)). Dan jirrifletti r-realtà tal-migrazzjoni llum fejn l-applikanti ta' spiss jibqgħu barra mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom għal perjodi twal ta' żmien qabel ma jilħqu l-UE, bħal f'kampijiet tar-refuġjati. L-estensjoni hija mistennija tnaqqas ir-riskju ta' movimenti rregolari jew ta' ħarba ta' persuni koperti mir-regoli estiżi.

– Il-proposta titlob li l-Istati Membri jqisu **l-istandards operazzjonali u l-indikaturi dwar il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza** li attwalment qed jiġu żviluppati mill-EASO, meta jagħmlu monitoraġġ u kontroll tas-sistemi ta' akkoljenza tagħhom (l-Artikolu 27). L-Aġenżija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil se tkun assistita min-Netwerk ta' Awtoritajiet ta' Akkoljenza tal-Istati Membri meta timplimenta l-kompiti tagħha skont din il-proposta, inkluż l-iżvilupp tal-mudelli, l-għodod prattiċi, l-indikaturi u l-gwida.

– Il-proposta tobbliga lill-Istati Membri jfasslu, u jaġġornaw regolarment, **pjanijiet ta' kontinġenza** li jistabbilixxu l-miżuri previsti li għandhom jittieħdu biex tiġi żgurata akkoljenza adegwata ta' applikanti f'każijiet fejn l-Istati Membri jkunu kkonfrontati b'għadd sproporzjonat ta' applikanti (l-Artikolu 28). Il-proposta titlob ukoll li l-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil kull meta l-pjan ta' kontinġenza tagħhom jiġi attivat. Il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' kontinġenza għandhom iseħħu skont il-proċedura ta' monitoraġġ u valutazzjoni tas-sistemi ta' asil u akkoljenza tal-Istati Membri previsti li jiġu implimentati mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil.

– Il-proposta tispjega li **l-persuni bi bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali** jkunu persuni li jkollhom bżonn garanziji speċjali sabiex jibbenefikaw mid-drittijiet u jikkonformaw mal-obbligi pprovduti fid-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza, irrispettivament minn jekk dawn il-persuni jitqisux vulnerabbli (l-Artikolu 2(13)). Il-proposta tinkludi wkoll regoli aktar dettaljati dwar il-valutazzjoni, id-determinazzjoni, id-dokumentazzjoni u l-indirizzar tal-bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali tal-applikanti malajr kemm jista' jkun u matul il-perjodu ta' akkoljenza. Dan jinkludi l-bżonn li l-persunal tal-awtoritajiet relevanti jitħarrġu b'mod adegwat u kontinwu, u obbligu li ċerti applikanti jiġu riferuti għand tabib jew psikoloġisti għal valutazzjoni ulterjuri. Ġie ċċarat li l-valutazzjoni tista' tiġi integrata fi proċeduri nazzjonali eżistenti jew fil-valutazzjoni mwettqa biex jiġu identifikati applikanti bi bżonnijiet proċedurali speċjali (l-Artikolu 21).

– Il-proposta tintroduċi limiti ta' żmien aktar stretti, fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mill-mument meta tkun saret l-applikazzjoni, biex l-Istati Membri **jassenjaw gwardjan biex jirrappreżenta u jassisti lil minorenni mhux akkumpanjat**. Ġie propost ukoll li l-għadd ta' minorenni mhux akkumpanjati li l-gwardjani jistgħu

jkunu responsabbli minnhom ma għandux jagħmilhom inkapaċi jwettqu l-kompiti tagħhom. L-Istati Membri għandhom jagħmlu monitoraġġ biex jiżguraw li l-gwardjani jwettqu b'mod adegwat il-kompiti tagħhom u għandhom janalizzaw l-ilmenti mressqa mill-minorenni mhux akkumpanjati kontra l-gwardjan tagħhom. Il-gwardjani maħtura skont ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Asil jistgħu jwettqu l-kompitu tal-gwardjani skont din il-proposta (l-Artikolu 23).

2. Tnaqqis tal-inċentivi relatati mal-akkoljenza għal movimenti sekondarji fl-UE

– Il-proposta titlob li l-Istati Membri **jinfurmaw lill-applikanti, billi jużaw mudell komuni**, malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn meta jippreżentaw applikazzjoni, bi kwalunkwe benefiċċju u obbligu, li l-applikanti jridu jikkonformaw magħhom rigward il-kundizzjonijet ta' akkoljenza, inklużi ċ-ċirkustanzi li jistgħu jirrestrinġu l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali (l-Artikolu 5).

– Il-proposta ma tibdilx il-fatt li l-applikanti, bħala regola ġenerali, jistgħu **jiċċaqalqu liberament fit-territorju tal-Istat Membru** jew fiż-żona assenjata lilhom mill-Istat Membru (l-Artikolu 7(1)).

– Madankollu, minħabba raġunijiet ta' interess pubbliku jew ordni pubbliku, minħabba proċessar malajr u monitoraġġ effettiv tal-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali, minħabba l-ipproċessar malajr u l-monitoraġġ effettiv tal-proċedura tiegħu biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli skont ir-Regolament ta' Dublin jew sabiex jipprevjenu b'mod effettiv li l-applikant jaħrab, il-proposta titlob li l-Istati Membri, meta meħtieġ, **jassenjaw residenza f'post speċifiku lill-applikanti**, bħal ċentru tal-akkomodazzjoni, dar privata, appartament, lukanda jew bini ieħor adattat biex jilqa' lill-applikanti. Din id-deċiżjoni tista' tkun meħtieġa b'mod partikulari f'każijiet fejn l-applikant ma jkunx ikkonforma mal-obbligi tiegħu, kif ġej:

- L-applikant ma jkunx applika għal protezzjoni internazzjonali fl-Istat Membru tal-ewwel daħla rregolari jew daħla legali; L-applikanti ma għandhomx id-dritt li jagħżlu l-Istat Membru ta' applikazzjoni. Applikant irid japplika għal protezzjoni internazzjonali fl-Istat Membru tal-ewwel daħla rregolari jew fl-Istat Membru tal-ewwel daħla legali. L-applikanti li ma jkunux ikkonformaw ma' dan l-obbligu, wara li jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli skont ir-Regolament ta' Dublin, aktarx ma jitħallewx jibqgħu fl-Istat Membru fejn tkun saret l-applikazzjoni, li suppost ikun l-Istat Membru tal-għażla personali tal-applikant, u konsegwentament aktarx jaħrab.
- L-applikant ikun ħarab mill-Istat Membru li fih ikun meħtieġ ikun preżenti. L-applikant huwa meħtieġ li jkun preżenti fl-Istat Membru fejn tkun saret l-applikazzjoni jew fl-Istat Membru li fih jiġi trasferit skont ir-Regolament ta' Dublin. F'każ li applikant jaħrab mill-Istat Membru u, mingħajr awtorizzazzjoni, jivvjaġġa lejn Stat Membru ieħor, huwa vitali, sabiex tiġi żgurata Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, li l-applikant jiġi rritornat malajr lejn l-Istat Membru korrett. Sakemm iseħħ dan it-trasferiment, hemm riskju li l-applikant jaħrab u, għaldaqstant, għandu jsir monitoraġġ mill-qrib ta' fejn qiegħed.
- L-applikant ikun intbagħat lura lejn l-Istat Membru fejn ikun meħtieġ ikun preżenti wara li jkun ħarab lejn Stat Membru ieħor. Il-fatt li applikant ikun ħarab preċedentement lejn Stat Membru ieħor huwa fattur importanti ta' min iqis meta jiġi vvalutat jekk hemmx riskju kontinwu li l-applikant jista' jaħrab.

Sabiex jiġi żgurat li l-applikant ma jerġax jaħrab u jibqa' għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, għandu jsir monitoraġġ mill-qrib ta' fejn ikun jinsab.

F'każ li l-applikant ikun intitolat għal kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali, dawn il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali għandhom jingħataw ukoll bil-patt li l-applikant ikun joqgħod f'dak il-post speċifiku (l-Artikolu 7(2)).

– Il-proposta titlob ukoll li l-Istati Membri jobbligaw, fejn meħtieġ, lil kwalunkwe applikant **jirraporta regolarment lill-awtoritajiet** jekk ikun hemm raġunijiet biex jitqies li hemm riskju li l-applikant jista' jaħrab (l-Artikolu 7(3)).

– Fid-dawl ta' konsegwenzi serji għall-applikanti li jkunu ħarbu jew li jiġi vvalutat li hemm riskju li jaħarbu, il-proposta **tiddefinixxi li ħarba** tkopri kemm azzjoni deliberata biex jiġu evitati l-proċeduri ta' asil applikabbli kif ukoll iċ-ċirkustanzi fattwali meta applikant ma jibqax disponibbli għall-awtoritjaiet rilevanti, inkluż billi jitlaq mit-territorju fejn l-applikant ikun meħtieġ li jkun preżenti (l-Artikolu 2(10)). Riskju ta' ħarba huwa definit ukoll bħala l-eżistenza ta' raġunijiet f'każ individwali, li jkunu bbażati fuq kriterji oġġettivi ddefiniti bil-liġi nazzjonali, fejn ikun hemm is-suspett li applikant jista' jaħrab, f'konformità mad-definizzjoni fir-Regolament ta' Dublin III[15] (l-Artikolu 2(11)).

– Ġie ddikjarat b'mod espliċitu li d-deċiżjonijiet kollha li jirrestringu l-libertà ta' moviment tal-applikant jeħtieġ li jkunu bbażati fuq is-**sitwazzjoni partikulari tal-persuna kkonċernata**, filwaqt li titqies kull ħtieġa ta' akkoljenza speċjali ta' applikanti u l-prinċipji ta' proporzjonalità. Ġie spjegat ukoll li l-applikanti jridu jkunu debitament infurmati b'dawn id-deċiżjonijiet u bil-konsegwenzi ta' nonkonformità (l-Artikolu 7(7)-(8)).

– Ġie ċċarat li l-Istati Membri għandhom jipprovdu **dokument tal-ivvjaġġar** lill-applikanti biss meta jkun hemm raġunijiet umanitarji serji. Ġie miżjud li dokumenti tal-ivvjaġġar jistgħu jinħarġu wkoll f'każ ta' **raġunijiet imperativi oħrajn**, bħal, pereżempju, meta l-applikanti jingħataw aċċess għas-suq tax-xogħol u jiġu mitluba jwettqu vvjaġġar essenzjali minħabba raġunijiet ta' xogħol. Ma għandhomx jinħarġu dokumenti tal-ivvjaġġar barra minn dawn iċ-ċirkustanzi eċċezzjonali. Il-validità tad-dokumenti tal-ivvjaġġar għandha tkun **limitata wkoll għall-finijiet u għat-tul meħtieġ** għar-raġuni li minħabba fiha jkunu nħarġu (l-Artikolu 6). Żdied rekwiżit biex l-Istati Membri jipprovdu lill-applikanti b'dokument li jiddikjara li l-identità tiegħu tkun ġiet inkluża fl-Artikolu 29 tal-proposta għal Regolament dwar il-Proċeduri tal-Asil.

– **Id-definizzjoni tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali** hija estiża billi jiġu inklużi oġġetti mhux tal-ikel, u din tirrifletti l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali diġà pprovduti f'ħafna Stati Membri u tenfasizza l-importanza ta' dawn l-oġġetti mhux tal-ikel, bħal oġġetti sanitarji (l-Artikolu 2(7)).

– Il-proposta tispjega li l-akkomodazzjoni, l-ikel, il-ħwejjeġ u oġġetti essenzjali oħrajn mhux tal-ikel **ma jistgħux jitnaqqsu jew jiġu rtirati**. Il-benefiċċji ta' kuljum jistgħu, f'ċerti ċirkustanzi, jitnaqqsu jew, f'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, jiġu rtirati. F'każ li l-akkomodazzjoni, l-ikel, il-ħwejjeġ u oġġetti essenzjali oħrajn mhux tal-ikel jiġu pprovduti fil-forma ta' benefiċċji finanzjarji,

[15] ĠU L 180, 29.06.2013, p. 31.

dawn il-benefiċċji jistgħu f'ċerti ċirkustanzi **jiġu sostitwiti b'kundizzjonijiet ta' akkoljenza pprovduti *in natura*** (l-Artikolu 19(1)).

– **Żdiedu** erba' ċirkustanzi ġodda biex **tiġi ridimensjonata jew alterata l-forma tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali**. Il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali jistgħu jiġu ridimensjonati jew alterati meta l-applikant: ikun kiser serjament ir-regoli taċ-ċentru tal-akkomodazzjoni jew ikun ġab ruħu b'mod serjament vjolenti; ma jkunx ikkonforma mal-obbligu li japplika għal protezzjoni internazzjonali fl-Istat Membru tal-ewwel daħla rregolari jew daħla legali; ikun intbagħat lura wara li jkun ħarab lejn Stat Membru ieħor; jew ikun naqas milli jattendi miżuri ta' integrazzjoni obbligatorji (l-Artikolu 19(1)).

– Sabiex jiġu trattati l-movimenti sekondarji u l-ħarba tal-applikanti, żdiedet **żona ta' detenzjoni addizzjonali**. F'każ fejn l-applikant ikun ġie assenjat post ta' residenza speċifiku iżda ma jkun ikkonforma ma' dan l-obbligu, u meta jkun hemm riskju kontinwu li l-applikant jista' jaħrab, l-applikant jista' jiġi detenut sabiex jiġi żgurat li l-obbligu li jibqa' f'post speċifiku jiġi ssodisfat (l-Artikolu 8(3)(c)). Bħal fil-każ ta' detenzjoni skont kwalunkwe raġuni oħra taħt id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza, id-detenzjoni hija ġġustifikata biss meta jkun ippruvat li din tkun meħtieġa u abbażi tal-valutazzjoni individwali ta' kull każ u jekk ma jkunux jistgħux jiġu applikati miżuri alternattivi oħrajn anqas koerċettivi b'mod effettiv. Il-garanziji kollha diġà pprovduti fid-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza attwali rigward id-detenzjoni jibqgħu mhux mibdula. Trid issir attenzjoni speċjali sabiex it-tul tad-detenzjoni jkun proporzjonali u jintemm hekk kif ma jkunx għad hemm raġuni biex wieħed jemmen li l-applikant mhuwiex se jissodisfa l-obbligu impost fuqu. L-applikant ukoll irid ikun konxju tal-obbligu inkwistjoni u tal-konsegwenzi ta' nonkonformità.

3. Żieda fil-prospetti ta' integrazzjoni għall-applikanti fl-UE - aċċess għas-suq tax-xogħol

– Il-proposta tnaqqas il-limitu ta' żmien għall-aċċess għas-suq tax-xogħol **minn mhux aktar tard minn disa' xhur għal mhux aktar tard minn sitt xhur** mid-data meta tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, meta deċiżjoni amministrattiva dwar l-applikazzjoni ma tkunx ittieħdet skont ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Asil propost u d-dewmien ma jkunx jista' jiġi attribwit lill-applikant (l-Artikolu 15(1)(1)). Dan jallinja l-aċċess tal-applikanti għas-suq tax-xogħol mat-tul normali tal-proċedura tal-eżami fuq il-merti skont ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Asil propost. Hekk kif applikant jingħata aċċess għas-suq tax-xogħol, dan għandu jiġi ddikjarat speċifikament fuq id-dokuemnt ta' identifikazzjoni tiegħu (l-Artikolu 15(5)).

– Aċċess aktar bikri għas-suq tax-xogħol jikkontribwixxi għal żieda fil-prospetti tal-integrazzjoni u tnaqqis fl-ispejjeż tal-akkoljenza, b'mod partikulari f'każijiet fejn aktarx tingħata l-protezzjoni internazzjonali. Għaldaqstant, il-proposta tippermetti li l-Istati Membri jagħtu aċċess aktar bikri. L-Istati Membri huma mħeġġa jagħtu aċċess **mhux aktar tard minn tliet xhur minn meta tiġi ppreżentata** l-applikazzjoni meta aktarx l-applikazzjoni tkun fondata sew, inkluż meta l-eżami tagħha jkun ġie prijoritizzat għal din ir-raġuni.

– Min-naħa l-oħra, il-proposta teskludi mis-suq tax-xogħol lill-applikanti li mhumiex mistennija li jkunu benefiċjarji rikonoxxuti ta' protezzjoni internazzjonali minħabba

l-fatt li l-applikazzjonijiet tagħhom aktarx ikunu bla bażi (l-Artikolu 15(1)(2)). Applikant li l-applikazzjoni tiegħu tkun qed tiġi eżaminata fuq il-merti fi proċedura aċċellerata minħabba li l-applikant ikun żamm fatti relevanti, jew ipprovda rappreżentazzjonijiet, informazzjoni jew dokumentazzjoni manifestament foloz, ikun għamel applikazzjoni sempliċiment biex itawwal jew biex jisfratta deċiżjoni ta' ritorn, ikun minn pajjiż ta' oriġini sigur jew, minħabba raġunijiet serji, jitqies li jkun perikolu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku skont ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Asil propost, jaqa' f'din il-kategorija.

– Il-proposta tispjega li **l-aċċess għas-suq tax-xogħol, ladarba jingħata, jeħtieġ li jkun effettiv**. Jekk il-kundizzjonijiet effettivament ifixklu lill-applikant milli jfittex impjieg, l-aċċess għandu jitqies effettiv. It-testijiet tas-suq tax-xogħol użati biex jagħtu prijorità liċ-ċittadini jew lil ċittadini oħrajn tal-Unjoni jew lil ċittadini ta' pajjiż terz legalment residenti fl-Istat Membru kkonċernat ma għandhomx ifixklu l-aċċess effettiv għall-applikanti tas-suq tax-xogħol (l-Artikolu 15).

– Ġie propost li, ladarba jingħata l-aċċess għas-suq tax-xogħol, l-applikanti għandhom ikunu intitolati għal sett komuni ta' drittijiet ibbażati fuq it-trattament ugwali bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru l-istess bħaċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jkunu qed jaħdmu fl-Unjoni (pereżempju skont ir-Direttiva dwar il-Permess Uniku[16] jew id-Direttiva dwar il-Ħaddiema Staġjonali[17]). Ġie ddikjarat b'mod speċifiku li d-dritt għal trattament ugwali ma jwassalx għad-dritt ta' soġġorn f'każijiet fejn l-applikazzjoni tal-applikant għal protezzjoni internazzjonali tkun ġiet rifjutata (l-Artikolu 15(3)).

– **Il-kundizzjonijiet ta' xogħol** imsemmija fil-proposta jkopru mill-inqas il-ħlas u t-tkeċċija, is-saħħa u r-rekwiżiti tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-ħin tax-xogħol u l-liv, filwaqt li jitqiesu l-ftehimiet kollettivi fis-seħħ. Il-proposta tiddikjara wkoll li l-applikanti għandhom igawdu minn trattament ugwali fir-rigward tal-**libertà ta' assoċjazzjoni u affiljazzjoni, edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali u sigurtà soċjali** (l-Artikolu 15(3)).

– Il-proposta tagħmilha possibbli li jiġi limitat it-trattament ugwali li jikkonċerna **l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali** għall-edukazzjoni u t-taħriġ direttament marbutin mal-attività ta' xogħol speċifika. **Il-fergħat tas-sigurtà soċjali** huma definiti fir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta’ sistemi ta’ sigurtà soċjali[18]. Il-proposta tagħmilha possibbli wkoll li t-trattament ugwali tal-applikanti jiġi limitat rigward **il-benefiċċji tal-familja u l-benefiċċji tal-qgħad.** L-applikanti qiegħda huma intitolati għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza pprovduti f'din id-Direttiva (l-Artikolu 15(3)).

[16] ĠU L 343, 23.12.2011, p. 1.
[17] ĠU L 94, 28.3.2014, p. 375.
[18] ĠU L 166, 30.4.2004, p. 18.

🡻 2013/33/UE

2016/0222 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 78(2)(f) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[19],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[20],

Huma u jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

🡻 2013/33/UE premessa 1 (adattat)

(1) Għandhom isiru numru ta' ~~bidliet sostantivi~~ ⌦ emendi ⌫ lid-Direttiva ~~tal-Kunsill 2003/9/KE tas-27 ta' Jannar 2003 li tistabbilixxi l-istandards minimi dwar l-akkoljenza ta' dawk li jfittxu ażil~~[21] ⌦ 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22] ⌫ . Fl-interess taċ-ċarezza, dik id-Direttiva għandha titfassal mill-ġdid.

[19] ĠU C […], […], p. […].

[20] ĠU C […], […], p. […].

[21] ~~ĠU L 31, 6.2.2003, p. 18.~~

[22] Id-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 96).

🡻 2013/33/UE premessa 2 (adattat)

(2) Politika komuni dwar l-asil, inkluża Sistema ~~Komuni~~ Ewropea ⌦ Komuni ⌫ tal-Asil~~,~~ ⌦ (SEKA), li hija bbażata fuq l-applikazzjoni sħiħa u inklużiva tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Rifuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif issupplimentata bil-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967, ⌫ hija parti kostitwenti tal-għan tal-Unjoni Ewropea biex tistabbilixxi progressivament żona ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja miftuħa għal dawk li, imġiegħla minn ċirkostanzi, ifittxu b’mod leġittimu protezzjoni fl-Unjoni ⌦ , u b'hekk jaffermaw il-prinċipju ta' non-refoulement ⌫. Tali politika għandha tkun regolata mill-prinċipju tas-solidarjetà u l-qsim ġust tar-responsabbiltà, inklużi l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħha, bejn l-Istati Membri.

---

⇩ ġdid

(3) Is-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA) hija bbażata fuq sistema li tiddetermina l-Istat Membru responsabbli għall-applikanti għal protezzjoni internazzjonali u standards komuni għal proċeduri ta' asil, kundizzjonijiet ta' akkoljenza u proċeduri u drittijiet ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali. Minkejja l-progress sinifikanti li sar fl-iżvilupp tas-SEKA, għad hemm differenzi notevoli bejn l-Istati Membri fir-rigward tat-tipi ta' proċeduri użati, il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza pprovduti lill-applikanti, ir-rati ta' rikonoxximent u t-tip ta' protezzjoni mogħtija lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali. Dawn id-diverġenzi huma xprunaturi importanti tal-moviment sekondarju u jimminaw l-objettiv li jiġi żgurat li l-applikanti kollha jiġu trattati b'mod ugwali irrispettivament minn fejn japplikaw fl-Unjoni.

---

🡻 2013/33/UE premessa 3 (adattat)

~~(3) F’laqgħa speċjali f’Tampere fil-15 u s-16 ta’ Ottubru 1999, il-Kunsill Ewropew qabel li jaħdem biex jistabbilixi Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, ibbażata fuq l-applikazzjoni sħiħa u inklużiva tal-Konvenzjoni ta’ Ġinevra dwar l-Istatus tar-Refuġjati tat-28 ta’ Lulju 1951, kif issupplimentata bil-Protokoll ta’ New York tal-31 ta’ Jannar 1967“il-Konvenzjoni ta’ Ġinevra”), u b’hekk tafferma l-prinċipju ta’ non-refoulement. L-ewwel fażi ta’ Sistema Ewropea Komuni tal-Asil twettqet permezz tal-adozzjoni tal-istrumenti legali relevanti, inkluża d-Direttiva 2003/9/KE, previsti fit-Trattati.~~

---

🡻 2013/33/UE premessa 4 (adattat)

~~(4) Il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta’ Novembru 2004, adotta l-Programm tal-Aja, li stabbilixxa l-għanijiet li għandhom jiġu implimentati fiż-żona ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja fil-perjodu 2005-2010. F’dan ir-rigward, il-Programm tal-Aja stieden lill-Kummissjoni Ewropea tikkonkludi l-evalwazzjoni tal-istrumenti tal-~~

~~ewwel fażi u tissottometti l-istrumenti u l-miżuri tat-tieni fażi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u.~~

---

↓ 2013/33/UE premessa 5 (adattat)

~~(5) Il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa tal-10-11 ta' Diċembru 2009, adotta l-Programm ta' Stokkolma, li tenna l-impenn għall-għan li jistabbilixxi sal-2012 żona komuni ta' protezzjoni u solidarjetà bbażata fuq proċedura komuni tal-asil u status uniformi għal dawk li jingħataw protezzjoni internazzjonali bbażata fuq standards għolja ta' protezzjoni u proċeduri ġusti u effettivi. Il-Programm ta' Stokkolma ulterjorment jipprovdi li huwa kruċjali li l-individwi, irrispettivament mill-Istat Membru fejn issir l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, jingħataw livell indaqs ta' trattament f'dawk li huma kondizzjonijiet tal-akkoljenza.~~

---

⇩ ġdid

(4) Fil-Komunikazzjoni tagħha tas-6 ta' April 2016 "Għar-Riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil u għat-Tisħiħ ta' Rotot Legali lejn l-Ewropa",[23] il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa li tissaħħaħ u tkompli tiġi armonizzata s-SEKA. Hija stabbiliet ukoll opzjonijiet biex ittejjeb is-SEKA, partikolarment biex twaqqaf sistema sostenibbli u ġusta li tiddetermina l-Istat Membru responsabbli għall-applikanti għal protezzjoni internazzjonali, biex issaħħaħ is-sistema tal-Eurodac, biex tikseb aktar konverġenza fis-sistema ta' asil tal-Unjoni, biex tipprevjeni l-movimenti sekondarji fl-Unjoni u mandat ġdid għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropa għall-Asil. Dan iwieġeb għat-talbiet tal-Kunsill Ewropew fit-18-19 ta' Frar 2016[24] u fis-17-18 ta' Marzu 2016[25] biex isir progress lejn riforma tal-qafas eżistenti tal-Unjoni sabiex tiżgura politika ta' asil umana u effiċjenti. Tipproponi wkoll triq 'il quddiem konformi mal-approċċ olistiku għall-migrazzjoni stabbilit mill-Parlament Ewropew fir-rapport fuq inizjattiva proprja tiegħu tat-12 ta' April 2016.

(5) Il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza jkomplu jvarjaw b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri kemm f'termini ta' kif inhi organizzata s-sistema ta' akkoljenza kif ukoll f'termini tal-istandards ipprovduti lill-applikanti. Il-problemi persistenti fl-iżgurar tal-aderenza mal-istandards ta' akkoljenza meħtieġa għal trattament dinjituż tal-applikanti f'ċerti Stati Membri kkontribwew għal piż sproporzjonat fuq ftit Stati Membri bi standards ta' akkoljenza ġeneralment għolja li mbagħad jitpoġġew taħt pressjoni biex inaqqsu l-istandards tagħhom. Standards ta' akkoljenza aktar ekwi stabbiliti f'livell xieraq fost l-Istati Membri se jikkontribwixxu għal trattament aktar dinjituż u distribuzzjoni aktar ġusta tal-applikanti madwar l-UE.

---

23 COM(2016) 197 finali.

24 EUCO 19.02.2016, SN 1/16.

25 EUCO 12/1/16.

🡻 2013/33/UE premessa 6 (adattat)

~~(6)~~ Ir-riżorsi tal-Fond ~~Ewropew tar-Refuġjati~~ ⌦ għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni ⌫ u ~~tal-Uffiċċju Ewropew tal-Appoġġ dwar l-Asil~~ ⌦ tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil ⌫ għandhom ikunu mobilizzati sabiex jipprovdu appoġġ adegwat għall-isforzi tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-istandards stipulati ~~fit-tieni fażi tas-Sistema Komuni Ewropea għall-Asil~~ ⌦ f'din id-Direttiva ⌫ , ~~b'mod partikolari~~ ⌦ inkluż ⌫ għal dawk l-Istati Membri li jaffaċċjaw pressjonijiet speċifiċi u sproporzjonati fuq is-sistemi tal-asil tagħhom, b'mod partikolari minħabba s-sitwazzjoni ġeografika jew demografika tagħhom.

🡻 2013/33/UE premessa 7 (adattat)

~~(7) Fid-dawl tar-riżultati tal-evalwazzjonijiet imwettqa, dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-ewwel fażi, huwa xieraq, f'dan l-istadju, li jkunu kkonfermati l-prinċipji sottostanti tad-Direttiva 2003/9/KE bil-ħsieb li jiġi żgurat titjib fl-akkoljenza għall-applikanti għal protezzjoni internazzjonali ("applikanti").~~

🡻 2013/33/EU premessa 8
⇨ ġdid

(7) Sabiex ikun żgurat it-trattament ugwali tal-applikanti madwar l-Unjoni, din id-Direttiva għandha tapplika matul l-istadji u t-tipi kollha ta' proċeduri li jirrigwardaw l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, fil-postijiet u fil-faċilitajiet kollha li jilqgħu lill-applikanti u sakemm jitħallew jibqgħu fit-territorju tal-Istati Membri bħala applikanti. ⇨ Jeħtieġ li jiġi ċċarat li l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-applikanti mill-mument meta dik il-persuna tesprimi x-xewqa tagħha li tapplika għal protezzjoni internazzjonali lill-uffiċjali tal-awtorità determinanti, kif ukoll kwalunkwe uffiċjal ta' awtoritajiet oħrajn li jkunu mfassla bħala kompetenti biex jirċievu u jirreġistraw applikazzjonijiet jew li jassistu lill-awtorità determinanti li tirċievi dawn l-applikazzjonijiet f'konformità mar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri].⇦

⇩ ġdid

(8) Meta applikant ikun preżenti fi Stat Membru ieħor għajr dak li fih ikun meħtieġ li jkun preżenti skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament ta' Dublin], l-applikant ma għandux ikun intitolat għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza stabbiliti fl-Artikoli 14 sa 17.

🡻 2013/33/UE premessa 10

(9) Fir-rigward tat-trattament ta' persuni li jaqgħu fl-ambitu ta' din id-Direttiva, Stati Membri huma marbuta b'obbligi skont l-istrumenti tal-liġi internazzjonali li għalihom huma parti.

---

🡻 2013/33/UE premessi 11 and 12 (adattat)

(10) Għandhom ikunu stipulati ⌦ kundizzjonijiet ⌫ standards għall-akkoljenza tal-applikanti li għandhom ikunu biżżejjed biex jiżguraw standard ta' ħajja dinjituż u kuondizzjonijiet ta' ħajja komparabbli fl-Istati Membri kollha. L-armonizzazzjoni tal-kuondizzjonijiet għall-akkoljenza tal-applikanti għandha tgħin biex tillimita ċ-ċaqliq sekondarju ta' applikanti influwenzati mill-varjetà ta' kuondizzjonijiet għall-akkoljenza tagħhom.

---

⇩ ġdid

(11) Sabiex jiġi żgurat li l-applikanti jkunu konxji mill-konsegwenzi jekk jaħarbu, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-applikanti b'mod uniformi, malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn meta jippreżentaw l-applikazzjoni tagħhom, bl-obbligazzjonijiet kollha li l-applikanti jridu jikkonformaw magħhom li jirrigwardaw il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza, inkluż iċ-ċirkustanzi li jistgħu jirrestrinġu l-għoti ta' kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali u bi kwalunkwe benefiċċju.

---

🡻 2013/33/UE premessa 13 (adattat)

~~(13) Bil-għan li jiġi żgurat trattament ugwali fost l-applikanti kollha għall-protezzjoni internazzjonali kif ukoll sabiex tkun garantita konsistenza mal-acquis attwali tal-UE dwar l-asil, b'mod partikolari mad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini minn pajjiżi terzi jew persuni apolidi bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija[26], huwa xieraq li l-ambitu ta' din id-Direttiva jiġi estiż biex jinkludi applikanti għal protezzjoni sussidjarja.~~

---

⇩ ġdid

(12) Ir-regoli armonizzati tal-UE dwar id-dokumenti li għandhom jinħarġu lill-applikanti jagħmluha iktar diffiċli li l-applikanti jiċċaqalqu fl-Unjoni b'mod mhux awtorizzat.

[26] ~~ĠU L 180, 29.6.2013, p. 60.~~

Jeħtieġ li jiġi ċċarat li l-Istati Membri għandhom jipprovdu dokument tal-ivvjaġġar lill-applikanti biss meta kun hemm raġunijiet umanitarji serji jew raġunijiet imperattivi oħrajn. Il-validità tad-dokumenti tal-ivvjaġġar għandha tkun limitata wkoll għall-finijiet u għat-tul meħtieġ għar-raġuni li minħabba fiha jkunu nħarġu. Raġunijiet umanitarji serji jistgħu jitqiesu, pereżempju, meta applikant inkun jeħtieġ jivvjaġġa lejn Stat ieħor għal trattament mediku jew biex iżur qraba f'każijiet partikolari, bħal żjarat lil qraba stretti li jkunu morda serjament, jew biex jattendu żwiġijiet jew funerali ta' qraba stretti. Raġunijiet imperattivi oħrajn jistgħu jinkludu każijiet fejn l-applikanti li jkunu ngħataw aċċess għas-suq tax-xogħol ikunu meħtieġa jivvjaġġaw b'mod essenzjali minħabba raġunijiet ta' xogħol, jew fejn l-applikanti jkunu jeħtieġu jivvjaġġaw bħala parti mill-kurrikula tal-istudju jew meta l-minorenni jkunu qed jivvjaġġaw ma' familji tar-rispett.

(13) L-applikanti ma għandhomx id-dritt li jagħżlu l-Istat Membru ta' applikazzjoni. Applikant irid japplika għal protezzjoni internazzjonali fl-Istat Membru tal-ewwel dħul jew, f'każ ta' preżenza legali, fl-Istat Membru ta' residenza legali. Applikant li ma jkunx ikkonforma ma' dan l-obbligu aktarx li, wara li jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament ta' Dublin ], ma jitħalliex jibqa' fl-Istat Membru fejn issir l-applikazzjoni u konsegwentement aktarx li jaħrab. Għaldaqstant, għandu jsir monitoraġġ mill-qrib ta' fejn ikun qiegħed.

(14) L-applikanti huma meħtieġa jkunu preżenti fl-Istat Membru fejn jagħmlu l-applikazzjoni jew fl-Istat Membru fejn jiġu trasferiti skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament ta' Dublin]. F'każ li applikant jaħrab mill-Istat Membru u, mingħajr awtorizzazzjoni, jivvjaġġa lejn Stat Membru ieħor, huwa vitali, sabiex tiġi żgurata Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, li l-applikant jiġi rritornat malajr lejn l-Istat Membru fejn ikun meħtieġ li jkun preżenti. Sakemm iseħħ dan it-trasferiment, hemm riskju li l-applikant jaħrab u, għaldaqstant, għandu jsir monitoraġġ mill-qrib ta' fejn ikun qiegħed.

(15) Il-fatt li applikant ikun ħarab preċedentement lejn Stat Membru ieħor huwa fatt importanti meta jiġi vvalutat ir-riskju li l-applikant jista' jaħrab. Sabiex jiġi żgurat li l-applikant ma jerġax jaħrab u jibqa' għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, ladarba l-applikant jintbagħat lura lejn l-Istat Membru fejn ikun meħtieġ li jkun preżenti, għandu jsir monitoraġġ mill-qrib ta' fejn ikun qiegħed.

(16) Minħabba raġunijiet ta' interess pubbliku jew ordni pubbliku, minħabba proċessar malajr u monitoraġġ effettiv tal-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali, minħabba l-ipproċessar malajr u l-monitoraġġ effettiv tal-proċedura tiegħu biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament ta' Dublin] jew sabiex jipprevjenu b'mod effettiv li l-applikant jaħrab, l-Istati Membri għandhom, meta meħtieġ, jassenjaw ir-residenza tal-applikant f'post speċifiku, bħal ċentru tal-akkomodazzjoni, dar privata, appartament, lukanda jew bini ieħor adattat biex jilqa' lill-applikanti. Din id-deċiżjoni tista' tkun meħtieġa biex tipprevjeni b'mod effettiv lill-applikant milli jaħrab, b'mod partikolari f'każijiet fejn l-applikant ma jkunx ikkonforma mal-obbligi biex: japplika fl-Istat Membru tal-ewwel dħul irregolari jew legali; jibqa' fl-Istat Membru fejn ikun meħtieġ ikun preżenti; jew

f'każijiet fejn l-applikant ikun intbagħat lura lejn l-Istat Membru fejn ikun meħtieġ ikun preżenti wara li jkun ħarab lejn Stat Membru ieħor. F'każ li l-applikant ikun intitolat għal kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali, dawn il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali għandhom jingħataw ukoll bil-patt li l-applikant ikun joqgħod f'dak il-post speċifiku.

(17) Meta jkun hemm raġunijiet biex jitqies li jkun hemm riskju li applikant jista' jaħrab, l-Istati Membri għandhom jitolbu li l-applikanti jirraportaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' spiss skont kemm meħtieġ sabiex isir monitoraġġ tal-applikant b'tali mod li ma jaħrabx. Sabiex jiskoraġġixxu lill-applikanti milli jaħarbu, l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi wkoll jagħtu kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali, meta l-applikant ikun intitolat għal dawn il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali, *in natura* biss.

(18) Id-deċiżjonijiet kollha li jirrestringu l-libertà ta' moviment tal-applikant jeħtieġ li jkunu bbażati fuq l-imġiba individwali u s-sitwazzjoni partikulari tal-persuna kkonċernata, filwaqt li titqies kull ħtieġa ta' akkoljenza speċjali ta' applikanti u l-prinċipji ta' proporzjonalità. L-applikanti jridu jkunu infurmati kif xieraq b'dawn id-deċiżjonijiet u bil-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità.

(19) Fid-dawl ta' konsegwenzi serji għall-applikanti li jkunu ħarbu jew li jitqiesu f'riskju li jaħarbu, it-tifsira ta' ħarba għandha tiġi definita li tkopri kemm azzjoni deliberata biex jiġu evitati l-proċeduri ta' asil applikabbli kif ukoll iċ-ċirkustanzi fattwali li applikant ma jibqax disponibbli għall-awtoritjaiet rilevanti, inkluż billi jitlaq mit-territorju fejn l-applikant ikun meħtieġ li jkun preżenti.

---

| ↓ 2013/33/UE premessa 15 (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

(20) Id-detenzjoni tal-applikanti għandha tkun applikata skont il-prinċipju sottostanti li persuna m'għandiex tinżamm f'detenzjoni għall-unika raġuni li huwa jew hija qed tfittex protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari skont l-obbligi legali internazzjonali tal-Istati Membri, u skont l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra. L-applikanti jistgħu jiġu detenuti biss taħt ⌦ iċ- ⌫ ċirkostanzi eċċezzjonali definiti b'mod ċar stipulati fid-Direttiva u soġġetti għall-prinċipju ta' neċessità u proporzjonalità fir-rigward kemm tal-manjiera kif ukoll tal-iskop ta' tali detenzjoni. ⇨ Id-detenzjoni tal-applikanti skont din id-Direttiva għandha tkun ordnata bil-miktub biss minn awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi u jiddikjaraw ir-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata, inkluż fil-każijiet fejn il-persuna tkun diġà detenuta meta tagħmel l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. ⇦ Meta applikant jinżamm detenut huwa ~~jew hija~~ għandu~~hom~~ j~~i~~kollu~~hom~~ aċċess effettiv għall-garanziji proċedurali neċessarji bħar-rimedju ġudizzjarju quddiem awtorità ġudizzjarja nazzjonali.

⇩ ġdid

(21) Meta applikant jiġi assenjat post ta' residenza speċifiku iżda ma jkunx ikkonforma ma' dan l-obbligu, jeħtieġ li jkun hemm riskju ppruvat li l-applikant jista' jaħrab sabiex l-applikant jiġi detenut. Fiċ-ċirkustanzi kollha, trid issir attenzjoni speċjali sabiex it-tul tad-detenzjoni jkun proporzjonali u jintemm hekk kif l-obbligu tal-applikant jiġi ssodisfat jew ma jkunx għad hemm raġuni biex wieħed jemmen li mhuwiex se jissodisfa dan l-obbligu. L-applikant ukoll irid ikun konxju tal-obbligu inkwistjoni u tal-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità.

---

🡻 2013/33/UE premessa 16 (adattat)

(22) Fir-rigward ta' proċeduri amministrattivi relatati mar-raġunijiet għad-detenzjoni, il-kunċett ta' "diliġenza ~~meħtieġa~~ ⌦ dovuta ⌫" tal-anqas jirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu passi konkreti u siewja biex jiżguraw li ż-żmien sabiex jiġu vverifikati r-raġunijiet għad-detenzjoni jkun l-iqsar possibbli, u li jkun hemm prospettiva reali li tali verifika tkun tista' ssir b'suċċess fl-iqsar żmien possibbli. Id-detenzjoni m'għandhiex taqbeż iż-żmien raġonevolment meħtieġ biex jitlestew il-proċeduri rilevanti.

---

🡻 2013/33/UE premessa 17

(23) Ir-raġunijiet għad-detenzjoni stabbiliti f'din id-Direttiva huma mingħajr preġudizzju għar-raġunijiet l-oħra ta' detenzjoni, inklużi r-raġunijiet ta' detenzjoni fil-qafas tal-proċedimenti kriminali, li jkunu applikabbli taħt il-liġi nazzjonali, mhux relatati mal-applikazzjoni għal protezzjoni nazzjonali ta' ċittadin ta' pajjiż terzi jew persuna apolida.

---

🡻 2013/33/UE premessa 18
⇨ ġdid

(24) Applikanti li huma f'detenzjoni għandhom ikunu ttrattati b'rispett sħiħ għad-dinjità tal-bniedem u l-akkoljenza tagħhom għandha tkun imfassla b'mod speċifiku biex tissodisfa l-bżonnijiet tagħhom f'dik is-sitwazzjoni. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ⇨ l-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u ⇦ l-Artikolu 37 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1989 dwar id-Drittijiet tat-Tfal ikun applikat.

---

🡻 2013/33/UE premessa 19

(25) Jista' jkun hemm każijiet fejn ma jkunx possibbli li fil-prattika jkunu żgurati ċerti garanziji ta' akkoljenza fid-detenzjoni, pereżempju minħabba s-sitwazzjoni ġeografika jew l-istruttura speċifika tal-faċilità tad-detenzjoni. Madanakollu, kwalunkwe deroga minn dawk il-garanziji għandha tkun temporanja u għandha tkun applikata biss fiċ-

ċirkostanzi stipulati f'din id-Direttiva. Id-derogi għandhom ikunu applikati biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali u għandhom jiġu debitament iġġustifikati, u jikkunsidraw iċ-ċirkostanzi ta' kull każ, inkluż il-livell ta' severità tad-deroga applikata, il-perjodu u l-impatt tagħha fuq l-applikant ikkonċernat.

---

🡻 2013/33/UE premessa 20

(26) Sabiex tiġi żgurata aħjar l-integrità fiżika u psikoloġika tal-applikanti, id-detenzjoni għandha tkun miżura tal-aħħar rikors u għandha tiġi applikata biss wara li jkunu ġew eżaminati kif adatt il-miżuri alternattivi kollha mhux ta' kustodja għad-detenzjoni. Kwalunkwe miżura alternattiva għad-detenzjoni għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-bniedem tal-applikanti.

---

🡻 2013/33/UE premessa 21

(27) Biex tkun żgurata osservanza tal-garanziji proċedurali li jikkonsistu fl-opportunità li jkunu kkuntattjati organizzazzjonijiet jew gruppi ta' persuni li jipprovdu assistenza legali, għandha tingħata informazzjoni dwar tali organizzazzjonijiet u gruppi ta' persuni.

---

🡻 2013/33/UE premessa 22

(28) Meta jiddeċiedu dwar l-arranġamenti ta' akkomodazzjoni, l-Istati Membri għandhom iqisu l-aħjar interessi tat-tfal, kif ukoll iċ-ċirkostanzi partikolari tal-applikant fil-każ ta' kwalunkwe applikant li jkun dipendenti fuq membri tal-familja jew qraba stretti oħra bħal aħwa minorenni mhux miżżewġa li jkunu diġà fl-Istat Membru.

---

🡻 2013/33/UE premessa 14

(29) L-akkoljenza ta' persuni bi bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali għandha tkun ta' interess primarju għall-awtoritajiet nazzjonali sabiex jiżguraw li tali akkoljenza tkun imfassla b'mod speċifiku biex tissodisfa l-ħtiġijiet speċjali tagħhom ta' akkoljenza.

---

🡻 2013/33/UE premessa 9
⇨ ġdid

(30) Fl-applikazzjoani ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom ifittxu li jiżguraw konformità sħiħa mal-prinċipji tal-aħjar interessi tat-tfal u tal-għaqda tal-familja, skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989 u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali rispettivament. ⇨Jeħtieġ li l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza jiġu adattati għas-sitwazzjoni speċifika tal-minorenni, kemm jekk mhux akkumpanjati kif ukoll jekk fil-familji, b'attenzjoni speċjali għas-sigurtà tagħhom u għall-kura fiżika u emozzjonali tagħhom u pprovduta b'mod li tħeġġeġ l-iżvilupp ġenerali tagħhom. ⇦

⇩ ġdid

(31) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti jirċievu l-kura tas-saħħa meħtieġa li għandha tinkludi, għall-inqas, kura ta' emerġenza u trattament essenzjali ta' mard u ta' disturbi mentali serji. Sabiex iwieġbu għat-tħassib ta' saħħa pubblika rigward il-prevenzjoni tal-mard u s-salvagwardja tal-applikanti individwali, l-aċċess tal-applikanti għall-kura tas-saħħa għandu jinkludi wkoll trattament mediku preventiv, bħat-tilqim. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu kontroll mediku għal applikanti għal raġunijiet ta' saħħa pubblika. Ir-riżultati tal-kontrolli mediċi ma għandhomx jinfluwenzaw il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali. Dawn għandhom dejjem isiru b'mod oġġettiv, imparzjali u fuq bażi individwali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri].

(32) Id-dritt ta' applikant għal kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali skont din id-Direttiva jista' jitnaqqas f'ċerti ċirkustanzi bħal meta applikant ikun ħarab lejn Stat Membru ieħor mill-Istat Membru fejn ikun meħtieġ li jkun preżenti. Madankollu, l-Istati Membri, fiċ-ċirkustanzi kollha, għandhom jiżguraw l-aċċess għall-kura tas-saħħa u standard ta' ħajja dinjituż għall-applikanti kollha skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, b'mod partikulari billi jipprovdu s-sussistenza u l-ħtiġijiet bażiċi tal-applikant kemm f'termini tas-sikurezza fiżika u d-dinjità kif ukoll f'termini tar-relazzjonijiet interpersonali, b'attenzjoni partikulari għad-dgħufijiet inerenti tal-persuna bħala applikant għall-protezzjoni internazzjonali u dik tal-familja jew tal-kustodju tiegħu. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-applikanti bi ħtiġijiet ta' akkoljenza speċjali. Iridu jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal, b'mod partikulari rigward ir-rispett għad-dritt tat-tfal għal edukazzjoni u aċċess għall-kura tas-saħħa. Meta minorenni jkun fi Stat Membru ieħor għajr dak li fih ikun meħtieġ li jkun preżenti, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-minorenni b'aċċess għal attivitajiet edukattivi xierqa sakemm jiġu trasferiti lejn l-Istat Membru responsabbli. Għandhom jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-applikanti nisa li jkunu esperjenzaw trawma abbażi tas-sess tagħhom, anke permezz ta' żgurar ta' aċċess, fi stadji differenti tal-proċedura tal-asil, għal kura medika, appoġġ legali, u għal konsulenza għal trawma u kura psikosoċjali.

(33) L-ambitu tad-definizzjoni ta' membru tal-familja għandu jirrifletti r-realtà tat-tendenzi migratorji attwali, li skonthom l-applikanti ta' spiss jaslu fit-territorju tal-Istati Membri wara perjodu mtawwal ta' żmien fi tranżitu. Għaldaqstant, id-definizzjoni għandha tinkludi familji ffurmati barra mill-pajjiż ta' oriġini, iżda qabel il-wasla fit-territorju tal-Istati Membri.

🡻 2013/33/UE premessa 23
⇨ ġdid

(34) Sabiex tkun promossa l-awtosuffiċjenza tal-applikanti u biex ikunu limitati d-diskrepanzi kbar bejn l-Istati Membri, huwa essenzjali li jingħataw regoli ċari dwar l-aċċess tal-applikanti għas-suq tax-xogħol ⇨ u li jiġi żgurat li dan l-aċċess ikun effettiv, billi ma jiġux imposti kundizzjonijiet li effettivament ixekklu lil applikant milli jfittex impjieg. It-testijiet tas-suq tax-xogħol użati biex jagħtu prijorità liċ-

ċittadini jew lil ċittadini oħrajn tal-Unjoni jew lil ċittadini ta' pajjiż terz legalment residenti fl-Istat Membru kkonċernat ma għandhomx ixekklu l-aċċess effettiv għall-applikanti lejn is-suq tax-xogħol u għandhom jiġu implimentati mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni kif espress fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Atti tal-Adeżjoni applikabbli. ⇦

---

⇩ ġdid

(35) Il-perjodu ta' żmien massimu għall-aċċess għas-suq tax-xogħol għandu jkun allinjat mat-tul tal-proċedura ta' eżami dwar il-merti. Sabiex jiżdiedu l-prospetti ta' integrazzjoni u awtosuffiċjenza tal-applikanti, huwa mħeġġeġ aċċess għas-suq tax-xogħol fejn l-applikazzjoni aktarx ikollha bażi tajba, inkluż meta l-eżami tagħha jkun ġie prijoritizzat skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri]. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom iqisu li jnaqqsu dak il-perjodu ta' żmien kemm jista' jkun bil-ħsieb li jiżguraw li l-applikanti jkollhom aċċess għas-suq tax-xogħol mhux aktar tard minn 3 xhur mid-data meta l-applikazzjoni tkun ġiet ippreżentata f'każijiet fejn l-applikazzjoni aktarx ikollha bażi tajba. Madankollu, l-Istati Membri ma għandhomx jagħtu aċċess għas-suq tax-xogħol lil applikanti li l-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali aktarx tkun bla bażi u li tkun ġiet applikata proċedura ta' eżami aċċellerata.

(36) Ladarba l-applikanti jingħataw aċċess għas-suq tax-xogħol, huma għandhom ikunu intitolati għal sett komuni ta' drittijiet abbażi tat-trattament ugwali maċ-ċittadini. Il-kundizzjonijiet tax-xogħol għandhom ikopru mill-inqas il-ħlas u t-tkeċċija, is-saħħa u r-rekwiżiti tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-ħin tax-xogħol u l-liv, filwaqt li jitqiesu l-ftehimiet kollettivi fis-seħħ. L-applikanti għandhom igawdu wkoll minn trattament ugwali fir-rigward tal-libertà ta' assoċjazzjoni u affiljazzjoni, edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali u sigurta soċjali.

(37) Stat Membru għandu jirrikonoxxi l-kwalifiki professjonali miksuba minn applikant fi Stat Membru ieħor bl-istess mod ta' dawk ta' ċittadini tal-Unjoni u għandhom iqisu l-kwalifiki miksuba f'pajjiż terz skont id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27]. Jeħtieġ li jiġu kkunsidrati wkoll miżuri speċjali sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv id-diffikultajiet prattiċi li jiltaqgħu magħhom l-applikanti dwar l-awtentikazzjoni tad-diplomi u ċ-ċertifikati barranin tagħhom jew ta' evidenza oħra ta' kwalifiki formali, b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' evidenza dokumentarja u tal-inabilità li jlaħħqu mal-ispejjeż relatati mal-proċeduri ta' rikonoxximent.

(38) Għandha tapplika d-definizzjoni ta' fergħat tas-sigurtà soċjali użata fir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28].

---

[27] Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).

[28] Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.).

(39) Minħabba n-natura possibbilment temporanja tas-soġġorn tal-applikanti u mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 1231/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jeskludu l-benefiċċji tal-familja u l-benefiċċji tal-qgħad mit-trattament ugwali bejn l-applikanti u ċ-ċittadini proprji u għandhom ikunu kapaċi jillimitaw l-applikazzjoni tat-trattament ugwali rigward l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Id-dritt ta' libertà ta' assoċjazzjoni u affiljazzjoni jista' jkun limitat ukoll billi jiġu esklużi applikanti milli jieħdu sehem fil-ġestjoni ta' ċerti korpi u milli jokkupaw kariga pubblika.

(40) Id-dritt tal-Unjoni ma jillimitax is-setgħa tal-Istati Membri li jorganizzaw l-iskemi tas-sigurtà soċjali tagħhom. Fin-nuqqas ta’ armonizzazzjoni fil-livell tal-Unjoni, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li taħthom jingħataw il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali, kif ukoll l-ammont ta’ dawn il-benefiċċji u l-perjodu li jingħataw għalih. Madankollu, meta jkunu qed jeżerċitaw dik is-setgħa, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw mal-liġi tal-Unjoni.

---

| ➜ 2013/33/UE premessa 24 (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

(41) Sabiex ikun żgurat li ~~s-sostenn~~ ⇨ l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza ⇦ materjali li jingħataw lill-applikanti ~~huwa~~ ⌦ jkunu ⌫ f’konformità~~a'~~ mal-prinċipji stipulati f’din id-Direttiva, huwa meħtieġ ⇨ li tkompli tiġi ċċarata n-natura ta' dawn il-kundizzjonijiet, inkluż mhux biss l-akkomodazzjoni, l-ikel u l-ħwejjeġ iżda anke oġġetti essenzjali li mhumiex ikel bħal oġġetti sanitarji. Jeħtieġ ukoll ⇦ li l-Istati Membri jiddeterminaw il-livell ta’ ⇨ kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali pprovduti fil-forma ta' benefiċċji finanzjarji jew vawċers ⇦ ~~tali appoġġ~~ fuq il-bażi ta’ referenzi relevanti ⇨ biex jiżguraw standards ta' għajxien adegwati għaċ-ċittadini, bħal benefiċċji ta' introjtu minimu, pagi minimi, pensjonijiet minimi, benefiċċji ta' qgħad u benefiċċji ta' assistenza soċjali ⇦ . Dan~~k~~ ma jfissirx li l-ammont mogħti għandu jkun l-istess bħal dak taċ-ċittadini. L-Istati Membri jistgħu jagħtu trattament anqas favorevoli lill-applikanti minn dak li jagħtu liċ-ċittadini kif speċifikat f’din id-Direttiva.

---

| ➜ 2013/33/UE premessa 25 (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

(42) ⇨Sabiex inaqqsu l-possibbiltà tal-abbuż tas-sistema ta' akkoljenza, l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jipprovdu kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali biss sa fejn l-applikanti ma jkollhomx biżżejjed mezzi biex jipprovdu għalihom infushom. Meta jivvalutaw ir-riżorsi ta' applikant u jitolbu li applikant ikopri jew jikkontribwixxi għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali, l-Istati Membri għandhom josservaw il-prinċipju ta' proporzjonalità u jqisu ċ-ċirkustanzi individwali tal-applikant u l-ħtieġa li tiġi rispettata d-dinjità jew l-integrita personali tiegħu, inkluż il-ħtiġijiet ta' akkoljenza speċjali tal-applikant. L-applikanti ma għandhomx ikunu meħtieġa jkopru jew jikkontribwixxu għall-ispejjeż tal-kura tas-saħħa neċessarja tagħhom. ⇦ Il-possibilità ta’ abbuż tas-sistemi ta’ akkoljenza għandha tkun ristretta ⌦ wkoll ⌫ billi jkunu

speċifikati ċ-ċirkustanzi fejn ~~kondizzjonijiet ta' akkoljenza materjali għall-applikanti~~ ⇨ l-akkomodazzjoni, l-ikel, il-ħwejjeġ u oġġetti oħrajn essenzjali li mhumiex ikel ipprovduti fil-forma ta' benefiċċji finanzjarji jew vawċers jistgħu jiġu sostitwiti b'kundizzjonijiet ta' akkoljenza pprovduti *in natura* u ċ-ċirkustanzi li fihom il-gratifiki għal kull jum ⇦ jistgħu jkunu ridotti jew tali akkoljenza rtirata filwaqt li fl-istess ħin għandu jkun żgurat standard ta' ħajja dinjituż għall-applikanti kollha.

---

🡻 2013/33/UE premessa 26
⇨ ġdid

(43) ⇨ L-Istati Membri għandhom ipoġġu fis-seħħ gwida xierqa, monitoraġġ u kontroll tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza tagħhom. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ta' ħajja paragunabbli, l-Istati Membri għandhom jintalbu jqisu, fis-sistemi ta' monitoraġġ u ta' kontroll tagħhom, l-istandards operazzjonali dwar il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza u l-indikaturi speċifiċi żviluppati mill-[Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil / Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil]. ⇦ Għandhom ikunu żgurati l-effiċjenzi ta' sistemi nazzjonali ta' akkoljenza u l-kooperazzjoni fost Stati Membri fil-qasam tal-akkoljenza tal-applikanti ⇨, fosthom permezz tan-netwerk tal-Unjoni dwar l-awtoritajiet ta' akkoljenza, li ġew stabbiliti mill-[Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil / Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] ⇦.

---

🡻 2013/33/UE premessa 27

(44) Għandha tkun imħajra koordinazzjoni xierqa bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-akkoljenza tal-applikanti, u għalhekk għandhom ikunu promossi relazzjonijiet armonjużi bejn komunitajiet lokali u ċentri ta' akkomodazzjoni.

---

⇩ ġdid

(45) L-esperjenza turi li l-ippjanar ta' kontinġenza huwa meħtieġ biex tiġi żgurata akkoljenza xierqa tal-applikanti f'każijiet fejn l-Istati Membri jkollhom iħabbtu wiċċhom ma' għadd sproporzjonat ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali. Għandu jsir monitoraġġ u valutazzjoni regolari ta' jekk il-miżuri previsti fil-pjanijiet ta' kontinġenza tal-Istati Membri humiex adegwati.

---

🡻 2013/33/UE premessa 28

(46) L-Istati Membri għandu~~hom~~ ji~~i~~kollhom il-poter li jintroduċu jew iżommu provvedimenti iktar favorevoli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi li jitolbu għal protezzjoni internazzjonali mingħand Stat Membru.

↓ 2013/33/UE premessa 29 (adattat)

(47) ~~F'dan l-ispirtu, l~~L-Istati Membri huma wkoll mistiedna japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva b'konnessjoni ma' proċeduri biex ikunu deċiżi applikazzjonijiet għal forom ta' protezzjoni barra dik prevista ~~fid- Direttiva 2011/95/UE~~ fir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Ikkwalifikar].

↓ 2013/33/UE premessa 30
⇨ ġdid

(48) L-implementazzjoni ta' din id-Direttiva għandha tiġi vvalutata f'intervalli regolari. ⇨L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni neċessarja sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tissodisfa l-obbligi ta' rappurtar tagħha. ⇦

↓ 2013/33/UE premessa 31 (adattat)

(49) Ladarba l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri li tistabbilixxi standards dwar ⌦ il-kundizzjonijiet ta' ⌫ ~~l-~~akkoljenza tal-applikanti fl-Istati Membri, ma jist~~għ~~ax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti ta' din id-Direttiva, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjaretà kif iddikjarati fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif iddikjarat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak l-għan.

↓ 2013/33/UE premessa 32

(50) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar dokumenti ta' spjegazzjoni tat-28 ta' Settembru 2011[29], l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikabbli, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Rigward din id-Direttiva, il-leġislatur iqis li t-trasmissjoni ta' tali dokumenti għandha tkun ġustifikata.

↓ 2013/33/UE premessa 33 (adattat)

~~(33) Skont l-Artikoli 1, 2 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda rigward iż-Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness għat-TUE, u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u mingħajr ħsara għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, ir-Renju Unit u l-Irlanda~~

[29] ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

~~mhumiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhumiex marbutin biha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha.~~

---

⇩ ġdid

(50) [F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dawn l-Istati Membri nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-*Direttiva*.]

*JEW*

(51) [F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għal Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll, dawn l-Istati Membri mhumiex qed jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-*Direttiva* u mhumiex marbuta biha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha.]

*JEW*

